Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR CHRISTIAN ABELA) V. BENRACHID BENALI (PUL NRU. 20E-070)

(PRODUZZJONI TA' PASSAPORT MINN KULL PERSUNA LI TINŻEL L-ART JEW TIMBARKA F'MALTA – KAP. 217, ART. 28(1) – STOWAWAYS – KAP. 234, ART. 184 – DHUL JEW HRUĠ MINN AREA MAGHLUQA TA' PORT – L.S. 499.01, ART. 55 – REĊIDIVITA' – KAP. 9, ART. 49, 50)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Marzu 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Benrachid Benali, ta' 22 sena, iben Ben Rashid u Fatima, imwieled iċ-Ċad fil-25 ta' Frar 1999, residenti preżentement fl-HOC, ta' nazzjonalità Ċadjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 20E-070 ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Christian Abela
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Josette Sultana,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti akkużi:

1. talli fis-27 ta`Marzu 2021 għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu ġewwa l-Virtù Terminal, bħala persuna illi mbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ (Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta),

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-moħbi mbarka u baħħar ma' bastiment, jew prova bil-moħbi jimbarka biex ibaħħar ma' bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' uffiċjal jew persuna oħra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens (Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta),

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jidħol ġewwa xi area magħluqa ta' port jew li ħareġ minnha mill-postijiet tad-dħul jew ħruġ maħsuba għal hekk u waqt li kien f'dik l-area jew fuq dak il-moll, naqas milli jħares dawk l-ordnijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jingħataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-każ u l-kondizzjonijiet ta' kull avviż jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità (Art. 55, SL.499.01 tal-Ligijiet ta' Malta),

4. talli sar reċidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali billi ikkommetta reat, wara sentenza mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta`Ottubru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

2. Inżammet seduta waħda fis-27 ta' Marzu 2021.

3. Matul din is-seduta l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq biex jerġa lura minnha.

4. Dan il-każ jikkonċerna t-tentattiv, min-naħa tal-imputat, illi bil-moħbi u mingħajr il-kunsens tal-kaptan jimbarka u jbaħħar ma' bastiment li kien tielaq minn Malta għall-Italja. L-imputat ma' kellu l-ebda dokumenti fuqu għajr għad-dokument tal-Ażil f'Malta u fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija filwaqt li skuża ruħu għal għemilu stqarr illi

huwa ried imur l-Italja wara li sema li kien hemm ħafna li qed jaħarbu b'dan il-mod minn Malta.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta)***

5. L-Artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jipprovdi kif ġej:

'28.(1) Kull persuna li tinżel l-art jew timbarka f'Malta għandu jkollha passaport u għandha tagħti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ'

L-Artikolu 32(1)(ġ) tal-istess Att imbagħad jipprovdi illi:

'32. (1) Kull persuna li ...

(g) tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha mhux stabbilit reat taħt xi artikolu ieħor ta' dan l-Att, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra ...'

***L-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta)***

6. L-Artikolu 184 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jipprovdi kif ġej:

'184. Jekk persuna bil-moħbi timbarka u tbaħħar ma' bastiment, jew tipprova bil-moħbi timbarka biex tbaħħar ma' bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' uffiċjal jew persuna oħra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens, dik il-persuna (f'dan l-Att imsejħa "stowaway") tista' teħel multa ta'mhux iżjed minn għoxrin unit jew, fid-diskrezzjoni tal-qorti, tista' teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' ġimgħat, u fil-każ li tinsab ħatja t-tieni darba jew drabi oħra tista' teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.'

L-Artikolu 372Ċ tal-istess Att jgħid ukoll illi:

‘372Ċ. Il-kelma ''unit'' b’riferenza għal kull multa li tista’ tiġi imposta taħt dan l-Att għandha tkun ekwivalenti għal żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33) jew għal dak l-ammont l-ieħor li l-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ b’ordni minn żmien għal żmien jistabbilixxi, u ekwivalwenzi differenti jistgħu jiġu stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti ta’dan l-Att jew għal dispożizzjonijiet differenti f’regolamenti li jsiru taħt dan l-Att.‘

***Ir-Regolamenti dwar il-Portijiet (L.S. 499.01 tal-Liġijiet ta’ Malta)***

7. L-Artikolu 55 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet jistipula illi:

‘55. Kull min jidħol ġewwa xi area magħluqa ta’ port jew joħroġ minnha għandu jagħmel hekk mill-postijiet tad-dħul jew ħruġ maħsuba għal hekk u waqt li jkun f’dik l-area jew fuq dak il-moll għandu jħares dawk l-ordnijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jingħataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-każ u l-kondizzjonijiet ta’ kull avviż jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità.’

L-Artikolu 134(1) tal-istess Regolamenti jipprovdi illi:

‘134(1). Kull min jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti ... 55 ... ikun ħati ta’ reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta’ mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).’

***Il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta)***

8. L-Artikoli 49(1) u 50 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdu hekk:

49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b’sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f’ġudikat, tagħmel reat ieħor.

50. Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta’ dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista’ teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

**Kunsiderazzjoni tal-Qorti dwar il-piena**

9. Fir-rigward tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat iżda sejra tqis ukoll illi r-reat huwa wieħed ta' natura insidjuża li jmur kontra liġijiet intiżi għas-sigurtà nazzjonali u internazzjonali apparti ukoll illi mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-imputat għadu kemm skonta sentenza ta' ħames xhur priġunerija wara li *inter alia* ffalsifika jew prova jiffalsifika passaport jew kellu fil-pussess tiegħu jew uża passaport iffalsifikat.

10. Dwar l-imputazzjoni tar-reċidiva, il-Qorti tara li nonostante l-ammissjoni tal-imputat, din ma' ġietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni peress illi kull ma' ppreżentat f'dan ir-rigward kien il-fedina penali tal-imputat. F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna rritinew illi:

   "*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva*." (**Il-Pulizija v. Joseph Zahra** - Qorti tal-Appell Kriminali, Appell Kriminali Numru. 272/2002 VDG deċiż fl-24 ta' Frar 2003)

   "*Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ….*" (**Il-Pulizija v. Jason James Agius** – Qorti tal-Appell Kriminali, Appell Nru: 105/2001 PV, deċiż fil-5 ta' Novembru 2001)

11. Għalhekk il-Qorti ma' tistax ħlief tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni tar-reċidiva nonostante l-ammissjoni tiegħu.

**Deċiżjoni**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi (inkluż Art. 28(1), 32(1) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, Art. 184 u 372Ċ tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Art. 55 u 134(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.01 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art. 49(1) u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti:**

    1. **tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni ta' reċidiva taħt l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,**

    2. **ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 55 tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 499.01 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal tmien (8) xhur priġunerija kif ukoll għal ħlas ta' multa komplessiva ta' ħames mitt euro (€500) liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' € 14 kull xahar għall-ewwel 35 xahar u pagament wieħed finali ta' €10 fl-aħħar xahar b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' xi att ġudizzjarju ieħor.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur